MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 1217/1997/1

Joseph Vella

vs

Enemalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Novembru ta' l-1987 u s-snin ta' wara huwa sofra ingustizzja f'li inghata transfer ingust u b'konsegwenza t'hekk tilef promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni itimata bhala apprentist fl-1978. F'Novembru ta' l-1982 hu sar tal-post fil-grad ta' Mechanical Fitter.

F’Novembru ta’ l-1987 meta huwa kien stazzjonat fil-Fuel Oil Tank Area sehh incident fejn l-ilma thallat maz-zejt u b’konsegwenza t’hekk, il-Korporazzjoni intimata harget charge kontra s-sitta minn nies illi kienu jahdmu f’dik l-area, fost dawn kien hemm ir-rikorrent.

Ir-rikorrent, permezz tal-General Workers Union kien ippremetta illi l-incident in kwistjoni kien sehh filghodu, mentri huwa kien xoghol wara nofs in-nhar. Ghaldaqstant huwa ma kellux tort f’dak li gara u ghalhekk ma kellhomx jittiehdu passi dixxiplinarji kontrieh. Minkejja dan il-protest, wara xi tlett xhur, il-Korporazzjoni intimata harget charge kontra r-rikorrent fejn akkuzatu illi mhux talli dak in-nhar ta’ l-incident in kwistjoni r-rikorrent ma kienx qeda dmiru, izda anki qabel dan l-incident ir-rikorrent kien nien naqas mid-dmirijiet tieghu. Ghal darb’ohra, ir-rikorrent rega’ pprotesta kontra dan ic-charge permezz tal-General Workers Union u ghal darb ohra huwa ma kellu l-ebda risposta minghand il-Korporazzjoni intimata.

B’konsegwenza ta’ din l-akkuza infondata, ir-rikorrent inghata transfer ghal gol-Workshop.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi filwaqt illi huwa gie ingustament trasferit ghal gol-workshop il-persuni illi dahlu minfloku fil-Fuel Oil tank Area u cioe` Joseph Axisa u Charles Gauci nghataw promozzjoni ghal WTO minghajr l-anqas biss ma applikaw ghaliha. Izjed minn hekk, ir-rikorrent gie wkoll maqbuz fil-promozzjoni ghal Senior Fitter, peress illi nies minn gol-workshop stess u li ghandhom inqas esperjenza u kwalifiki minn dawk tar-rikorrent inghataw promozzjonijiet ghal Senior Fitters.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni ghal Senior Fitter b’effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati tal-paga u jinghata s-seniority minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat illi jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi wara l-incident ta’ Novembru 1987 li ghalih ghamel referenza r-rikorrent waqt li huwa veru kif jirrizulta mid-dokumenti li ghandha ghad-disposizzjoni taghha l-Korporazzjoni li hargu charges kontra r-rikorrent u hames impjegati ohra tal-Korporazzjoni ma kien hemm ebda decizjoni finali mehuda mill-Bord tad-Dixxiplina f’dan il-kaz.

Illi t-transfer li nghata lir-rikorrent ghal gol workshop sar fuq esigenzi tas-servizz u l-Korproazzjoni m’ghandha l-ebda dokument li juri li hemm xi konnessjoni bejn ic-charge mahrug fuq l-incident ta’ Novembru 1987 u dan it-transfer.

Illi kuntrarjament minn kif qed jigi allegat mir-rikorrent Joseph Axisa u Charles Gauci l-persuni li dahlu minn floku fil-Fuel Tank Area, ma hadux promozzjoni ghal Works Technical Officer minghajr ma applikaw ghaliha izda wara li ressqu l-ilment taghhom quddiem il-Kummissjoni ta’ l-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji mwaqqfa fi hdan il-Korporazzjoni.

Illi l-allegazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent dwar il-promozzjonijiet ghal grad ta’ Senior Fitter huma wkoll infondati stante li persuni li hadu dawn il-promozzjonijiet wara li kienu ressqu l-ilment taghhom quddiem l-istess Kummissjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.
Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed u spjega li l-kariga ta' Senior Fitter hija wahda mill-inqas gradi li tista' tinghata, u din tinghata minghajr ma taghmel l-ebda ezami. Semma li nies li kienu fis-sezzjoni qabel ma hu gie trasferit hadu l-promozzjoni ghal Works Technical Officer izda ma kienx jaf li dawn inghataw mill-Kummissjoni ta' Ingustizzji mwaqqfa mill-Enemalta. Qal ukoll li t-telf li sofra meta nghata transfer ma kienx jirrigwarda x-shift allowance izda kien jirrigwarda biss l-overtime. Il-post fejn kien qabel ma nghata t-transfer kien jaghmel l-overtime. Dwar l-incident dan kien sar filghodu izda hu kien xoghol wara nofs in-nhar. Kienu rcevew xi charges li ghaddewhom lill-union izda qatt ma ttiehdet decizjoni fuqhom jew jehlu xi haga. Hu qal li qatt ma wehlu hlief li nehhewhom mill-post fejn kienu jahdmu qabel.

Xehed Joe Mangion bhala rapprezentant tal-Enemalta li kkonferma li f'Novembru 1987 kien sar incident fil-fuel oil tank tal-power station. Huwa kkonferma wkoll li r-rikorrent kien jahdem f'dak id-Dipartiment dak iz-zmien. Huwa qal li kien hemm bord ta' inkjesta dwar dan l-incident u qal li kien sar charge lill-persuni kollha li kienu jahdmu f'dik l-area. F'dik l-area kienu jahdmu bix-shift. Qal li r-rikorrent gie trasferit ghal gol-workshop. Ma sab ebda rapport tal-bord ta' inkjesta u l-kaz qisu qatt ma nqata'. Semma lil Charles Gauci u Joseph Axisa, u kkonferma li dawn il-persuni dahlu fis-sezzjoni fejn kien ir-rikorrent u kienu gew promossi minn Fitters ghal Senior Fitters peress li ressqu l-ilment taghhom quddiem il-bord tal-Enemalta. Stqarr li kieku r-rikorrent sar Senior Fitter kien idahhal Lm2144

aktar bejn l-1987 u l-2000. Hu qal li persuna, anke jekk ikun hemm charges kontriha u jkun hemm inkjesta ghaddejja fir-rigward tieghu diment li ma jkunx sospiz jista' japplika. Dawk kollha li kienu bix-shift mar-rikorrent kienu kollha gew transferred. Min kien Fitter fl-istess grad ma' Vella hadd ma qabzu fil-promozzjoni. Hu pprezenta Dokument “JM1” a fol 38 sa 41 tal-process li turi s-seniority list. Huwa qal li Charles Gauci ha l-promozzjoni ghal WTO izda qal li dan sar peress li kien hemm xi ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fir-rigward li huma ma kienux hadu dan il-grad ta' WTO.

Xehed Carmelo Buttigieg Operations Manager mal-Enemalta li qal li r-rikorrent kien wiehed mill-persuni li kien jahdem tahtu. Jiftakar li r-rikorrent kien gie bhala General Fitter. Wara l-incident ir-rikorrent kien rega' mar mieghu fil-workshop izda mhux ghax kien talab ghalih hu. Qal li xogholu kien sodisfacenti u ma lmentax dwar il-kapacitajiet tieghu. Zied jghid li ma jafx ghaliex regghu baghtuh mieghu.

Spiro Grima li kien Maitenance Engineer fl-Oil Tank Area xehed li r-rikorrent kien jahdem mieghu bhala Fitter fl-Oil Tank Area. Huwa ddeskriva l-incident li kien gara u qal li ma kienx negligenza minn naha tar-rikorrent u tal-persuna l-ohra. Zied jghid li hu ma kienx talab li xi hadd jigi trasferit. Qal li kien twaqqaf bord ta' inkjesta biex issir investigazzjoni dwar dan il-kaz. Qal li c-Chairman ta' dan il-bord kien Vincent DeGaetano. Kompla jghid li kienu ngabu numru ta' fitters ohra fis-sezzjoni meta spiccaw ir-rikorrent u shabu. Kienu ghallmuhom ix-xoghol ir-rikorrent u shabu stess.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe` n-nuqqas ta' promozzjoni u t-transfer li ha in segwitu tal-incident li nqala' f' wiehed mit-tankijiet.

Dwar in-nuqqas ta' promozzjoni ma tirrizulta li hadd ma qabez lir-rikorrent u infatti min kien ha promozzjoni kien in

segwitu ta’ decizjoni ta’ bord imqabbad mill-Enemalta. Ir-rikorrent ma semmiex ebda persuna b’ seniority anqas minnu jew kwalifiki anqas minnu li hadet il-hatra waqt li hu gie maqbuz. Ma gew prodotti ebda skedi li juru li r-rikorrent kien haqqu l-promozzjoni jew li saret xi allokazzjoni zbaljata ta’ marki. In vista ta’ dan it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni intimata dwar l-aspett tal-ilment tal-promozzjoni.

L-ilment tar-rikorrent jirreferi wkoll ghat-trasferiment in segwitu tal-incident fit-tankijiet. Jinghad li l-Enemalta qatt ma waslet ghall-konkluzjoni dwar xi responsabbilta` tar-rikorrent f’ dan ir-rigward u anqas ta’ shabu izda bhala stat ta’ fatt gew trasferiti kollha kemm kienu. Anzi gie prodott Spiro Grima xehed li ma kienx tort tal-haddiema in kwistjoni. Il-korporazzjoni sostniet li t-transfer ma sarx minhabba dan l-incident izda minhabba l-ezigenzi tas-servizz. Dan ma hu xejn kredibbli minhabba li ma’ min gew trasferiti l-haddiema xehed li ma kienx talab ghalihom. L-Enemalta stess ma tat ebda raguni fiex kienu jikkonsistu dawn l-ezigenzi. Ukoll hija stramba kif l-ezigenzi tas-servizz irrikjedew li dawk kollha li kienu fix-shift meta nqala’ l-incident jigu trasferiti kollha u li kumbinazzjoni xi haddiema gew trasferiti minn flokhom.

It-Tribunal gja kellu l-okkazjoni li jippronunzja ruhu dwar l-ezigenzi tas-servizz. Fil-kawza fl-ismijiet “Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern” deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta’ April, 1998, intqal:

“L-esigenza tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista’ tuza’ bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita’ tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ppruvati u mhux semplicement allegati.” [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98].

Ghal dawn il-motivi jilqa’ t-talba tar-rikorrent relattivament ghat-transfer ingust li kawza tieghu r-rikorrent tilef il-flus. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma

jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-korporazzjoni intimata.